Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 3199/93**

tat-22 ta' Novembru 1993

dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' proċeduri għall-iżnaturar komplet tal-alkoħol għall-iskopijiet ta' eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa

(ĠU L 288, 23.11.1993, p. 12)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2546/95 tat-30 ta' Ottubru 1995	L 260	45	31.10.1995
►M2	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2559/98 tas-27 ta' Novembru 1998	L 320	27	28.11.1998
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2205/2004 tal-21 ta' Diċembru 2004	L 322M	52	2.12.2008
►M4	Commission Regulation (EC) No 1309/2005 of 10 August 2005 (*)	L 208	12	11.8.2005
►M5	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2023/2005 tat-12 ta' Diċembru 2005	L 321M	331	21.11.2006
►M6	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 67/2008 tal-25 ta' Jannar 2008	L 23	13	26.1.2008
►M7	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 849/2008 tat-28 ta' Awwissu 2008	L 231	11	29.8.2008
►M8	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 767/2011 tat-2 ta' Awwissu 2011	L 200	14	3.8.2011
►M9	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 162/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 49	55	22.2.2013

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 3199/93

tat-22 ta' Novembru 1993

dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' proċeduri għall-iżnaturar komplet tal-alkoħol għall-iskopijiet ta' eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi ta' taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u xorb alkoħoliku ([1]), u b'mod partikolari Artikolu 27(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għal taxxa tas-sisa u fuq iż-żamma, moviment u indukrar ta' tali prodotti ([2]), kif emendata mid-Direttiva 92/108/KE ([3]), u b'mod partikolari Artikolu 24 tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Taxxi tas-Sisa,

Billi bis-saħħa ta' Artikolu 27(1)(a) tad-Direttiva 92/83/KEE, l-Istati Membri huma meħtieġa li jeżentaw mit-taxxa tas-sisa l-alkoħol li jkun żnaturat kompletament skond il-ħtiġiet ta' xi Stat Membru, iżda sakemm dawn il-ħtiġiet ġew notifikati u aċċettati kif suppost skond il-kondizzjonijiet imniżżlin fil-paragrafi 3 u 4 ta' dak l-Artikolu;

Billi ġew riċevuti oġġezzjonijiet għall-ħtiġiet notifikati;

Billi, għalhekk, skond il-ħtiġiet tal-paragrafu 4 tal-imsemmi Artikolu għandha tittieħed deċiżjoni skond il-proċedura mniżżla f'Artikolu 24 tad-Direttiva 92/12/KEE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isnaturanti li huma impjegati f'kull Stat Membru għall-iskopijiet biex jiġi żnaturat kompletament l-alkoħol skond Artikolu 27(1)(a) tad-Direttiva 92/83/KEE huma kif deskritti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata meta jiġi pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 316, tal-31.10.1992, p. 21.
([2]) ĠU L 76, tat-23.3.1992, p. 1.
([3]) ĠU L 390, tal-31.12.1992, p. 124.

▼M9

ANNESS

Lista ta' prodotti awtorizzati bin-numru ta' reġistrazzjoni tagħhom tal-Chemical Abstracts Service (CAS) meta dan huwa disponibbli u l-formuli awtorizzati għall-iżnaturar komplet tal-alkoħol.

Aċetun	CAS: 67-64-1
CI reactive red 24	CAS: 70210-20-7
Piridina prima	CAS: mhux disponibbli
Crystal violet (C.I. Nru. 42555)	CAS: 548-62-9
Benżoat tad-denatonju	CAS: 3734-33-6
Etanol	CAS: 64-17-5
Aċetat tal-etil	CAS: 141-78-6
Etil sek-amil keton	CAS: 541-85-5
Etil *tert*-butiletere	CAS: 637-92-3
Fluworoxxina	CAS: 2321-07-5
Formaldeide	CAS: 50-00-0
Żejt fusel	CAS: 8013-75-0
Petrol (inkluż pertrol bla ċomb)	CAS: 86290-81-5
Alkoħol isopropil (IPA)	CAS: 67-63-0
Pitrolju	CAS: 8008-20-6
Żejt tal-lampi	CAS: 64742-47-8 sa 64742-48-9
Metanol	CAS: 67-56-1
Metiletilketon(butanon) (MEK)	CAS: 78-93-3
Metilisobutilketon	CAS: 108-10-1
Metilisopropilketon	CAS: 563-80-4
Vjola tal-metil	CAS: 8004-87-3
Blu tal-metilina:	CAS: 61-73-4
Nafta minerali	CAS mhux disponibbli
Nafta solventi	CAS: 8030-30-6
Piridina (jew bażijiet tal-Piridina)	CAS: 110-86-1
Spirtu tat-terpentina	CAS: 8006-64-2
Petrol għal użu tekniku	CAS: 92045-57-3
alkoħol *tert*-butil	CAS: 75-65-0
Tijofen	CAS: 110-02-1
Timol blu	CAS: 76-61-9
Metanol	Mhux disponibbli

Sinonimi tal-prodotti awtorizzati huma disponibbli f'diversi lingwi Ewropej fil-bażi tad-dejta tal-Inventarju Doganali Ewropew dwar is-Sustanzi Kimiċi.

It-terminu "etanol assolut" huwa użat tul l-anness kollu b'konformità mat-terminoloġija użata mill-Unjoni Internazzjonali tal-Kimika Pura u Applikata (IUPAC)

▼M9

I. **Il-proċedura tal-iżnaturar li titħaddem fl-Istati Membri kollha**

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut:

— 3 litri ta' alkoħol isopropil (IPA),

— 3 litri metiletilketon (MEK),

— 1 gramma ta' benżoat tad-denatonju.

Għas-suq intern, l-Istati Membri għandhom il-permess li jżidu żebgħa biex jagħtu lill-prodott kulur karatteristiku, li jagħmlu immedjatament identifikabbli.

II. **Proċeduri addizzjonali għall-iżnaturar imħaddma f'ċerti Stati Membri**

Ir-Repubblika Ċeka

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut, kwalunkwe minn dawn il-formulazzjonijiet li ġejjin:

1. — 0,4 litru nafta solventi,

   — 0,2 litru pitrolju,

   — 0,1 litru petrol għal użu tekniku.

2. — 3 litri etil *tert*-butiletere,

   — 1 litru ta' alkoħol isopropil;

   — 1 litru petrol bla ċomb,

   — 10 milligrammi fluworoxxina.

Il-Ġermanja

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut:

Litru taħlita ta' keton, li tikkonsisti f':

— 95 sa 96 % bil-piż ta' metiletilketon (MEK),

— 2,5 sa 3 % bħala piż ta' metilisopropilketon (3-metil-2-butanon),

— 1,5 sa 2 % bħala piż ta' etil sek-amil keton (5- metil – 3 – ettanon),

flimkien ma' gramm wieħed benżoat tad-denatonju,

L-Estonja

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut:

— 3 litri ta' aċetun,

— 2 grammi benżoat tad-denatonju.

L-Irlanda

Tiġi prodotta bażi billi jitħallat li ġej:

— 90 % bil-volum tal-etanol,

— 9,5 % bil-volum ta' metanol,

— 0,5 % bil-volum ta' piridina prima.

Għal kull 10 ettolitri tal-bażi żid:

— 3,75 litri ta' nafta minerali (żejt minerali),

— 1,5 gramma ta' vjola tal-metil.

Nota: Il-komponenti tal-bażi ta' metanol u l-piridina prima jistgħu jiġu sostitwiti b'10 % bil-volum ta' metanol.

▼M9

Il-Greċja

Alkoħol ta' kwalità inferjuri biss (id-distillat miksub fil-bidu u fi tmiem il-proċess tad-distillazzjoni), b' saħħa alkoħolika ta' mill-inqas 93 % tal-volum u ta'mhux aktar minn 96 % bil-volum jistgħu jiġu mibdula.

Għal kull ettolitru ta' alkoħol idratat ta' 93 % bil-volum jiżdiedu s-sustanzi li ġejjin:

— 2 litri metanol,

— 1 litru spirtu tat-terpentina,

— 0,50 litru żejt tal-lampi,

— 0,40 gramm blu tal-metilina.

F'temperatura ta' 20 °C, il-prodott aħħari, fil-forma mhux mibdula tiegħu, għandu jilħaq 93 % bil-volum.

L-Italja

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut dan li ġej jiżdiedu:

— 125 gramma ta' tijofen,

— 0,8 gramm ta' benzoat tad-denatonju,

— 3 grammi ta' CI reactive red 24 (sustanza koloranti ħamra), soluzzjoni ta' 25 % w/w,

— 2 litri metiletilketon MEK).

L-alkoħol etiliku li jkun irid jiġi żnaturat jeħtieġlu kontenut ta' alkoħol etiliku ta' mhux anqas minn 83 % bil-volum u ma jkunx anqas qawwi minn 90 % bil-volum meta mkejjel bl-alkoħolimetru tal-KE.

Sabiex tkun żgurata s-solubilità kompleta tal-komponenti kollha, it-taħlita tal-iżnaturant trid tkun ippreparata fl-alkoħol etiliku ta' anqas minn 96 % bil-volum meta mkejjel bl-alkoħolimetru tal-KE.

L-għan tas-CI reactive red 24 huwa li jagħti lill-prodott kulur aħmar karatteristiku, li jagħmel l-iskop tal-prodott immedjatament identifikabbli.

Il-Latvja

1. Għal kull ettolitru ta' etanol assolut, kwalunkwe minn dawn il-formulazzjonijiet li ġejjin:

   (a) mill-anqas:

      — 9 litri ta' alkoħol isopropil,

      — 1 litru ta' aċetun,

      — 0,4 gramm blu tal-metilina jew blu tat-timol jew vjola tal-metil;

   (b) mill-anqas:

      — 3 litri metilisobutilketon,

      — 2 litri metiletilketon (MEK);

   (c) mill-anqas:

      — 3 litri ta' aċetun,

      — 2 grammi ta' benżoat tad-denatonju;

   (d) mill-inqas 10 litri ta' aċetat etiliku.

2. Għal kull ettolitru ta' etanol deidrat (li fih mhux inqas minn 0,5 % ta' ilma):

   Petrol f'minimu ta' 5 litri u massimu ta' 7 litri.

Il-Litwanja

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut:

— 3 litri ta' aċetun,

— 2 grammi benżoat tad-denatonju.

▼M9

L-Ungerija

Prodotti alkoħoliċi b'referenza għall-kwantità ta' alkoħol pur li fihom, ikollhom tal-anqas, wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) 2 % bil-piż ta' metiletilketon (MEK), 3 % bil-piż ta' metilisobutilketon u 0,001 % bil-piż ta' benżoat tad-denatonju;

(b) 1 % bil-piż ta' metiletilketon (MEK), u 0,001 % bil-piż ta' benżoat tad-denatonju;

(c) 2 % bil-piż ta' alkoħol isopropil, 1 % bil-piż ta' alkoħol tert-butil, u 0,001 % bil-piż ta' benżoat tad-denatonju.

Malta

Tiġi prodotta bażi billi jitħallat li ġej:

— 90 % bil-volum tal-etanol,

— 9,5 % bil-volum ta' metanol,

— 0,5 % bil-volum ta' piridina prima.

Għal kull 10 ettolitri tal-bażi żid:

— 3,75 litri ta' nafta minerali (żejt minerali),

— 1,5 gramma ta' vjola tal-metil.

Il-Pajjiżi l-Baxxi

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut:

Ħames litri ta' taħlita li tikkonsisti f':

— 60 % bil-volum ta' metanol,

— 20 % bil-volum ta' aċetun,

— 11 % bil-volum ta' żejt fusel (konċentrat ta' prodotti sekondarji mid-distillazzjoni tal-alkoħol),

— 8 % bil-volum ta' ilma,

— 0,5 % bil-volum ta' metiletilketon (MEK),

— 0,5 % bil-volum ta' formalina (soluzzjoni tal-ilma ta' 37 % bil-piż tal-formaldeide),

L-Awstrija

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut:

Litru taħlita ta' keton, li tikkonsisti f':

— 95 % sa 96 % bil-piż ta' metiletilketon (MEK),

— 2,5 % sa 3 % bil-piż ta' metilisopropilketon,

— 1,5 % sa 2 % bil-piż ta' etil sek-amil keton,

flimkien ma' gramm wieħed benżoat tad-denatonju,

Il-Polonja

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut, kwalunkwe minn dawn il-formulazzjonijiet li ġejjin:

1. 0,75 litru taħlita ta' keton, li tikkonsisti f':

   — 95 sa 96 % bil-piż ta' metiletilketon (MEK),

   — 2,5 sa 3 % bil-piż ta' metilisopropilketon,

   — 1,5 sa 2 % bil-piż ta' etil sek-amil keton,

   flimkien ma' 0,25 litru ta' bażijiet tal-piridina.

2. Litru taħlita ta' keton, li tikkonsisti f':

   — 95 sa 96 % bil-piż ta' metiletilketon (MEK),

   — 2,5 sa 3 % bil-piż ta' metilisopropilketon,

▼**M9**

— 1,5 sa 2 % bil-piż ta' etil sek-amil keton,

flimkien ma' 1 gramma benżoat tad-denatonju.

Ir-Rumanija

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut:

— 2 litri metiletilketon (MEK),

— 1 gramma ta' benżoat tad-denatonju,

— 0,2 gramm blu tal-metilina.

Is-Slovenja

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut:

— 1 580 gramma alkoħol isopropil,

— 790 gramma alkoħol tert-butil,

— 0,79 gramma ta' benżoat tad-denatonju.

Is-Slovakkja

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut:

1. 3 litri metilisobutilketon,

   2 litri metiletilketon (MEK),

   1 gramma ta' benżoat tad-denatonju,

   0,2 gramm blu tal-metilina.

2. 1,5 litri ta' petrol għal użu tekniku,

   1,5 litru pitrolju,

   2 grammi benżoat tad-denatonju.

Il-Finlandja

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut, kwalunkwe minn dawn il-formulazzjonijiet li ġejjin:

1. 2 litri metiletilketon (MEK),

   3 litri metilisobutilketon.

2. 2 litri ta' aċetun,

   3 litri metilisobutilketon.

L-Isvezja

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut:

— 3 litri metilisobutilketon,

— 2 litri metiletilketon (MEK).

Ir-Renju Unit

Tiġi prodotta bażi billi jitħallat li ġej:

— 90 % bil-volum tal-etanol,

— 9,5 % bil-volum ta' metanol,

— 0,5 % bil-volum ta' piridina prima.

Għal kull 10 ettolitri tal-bażi żid:

— 3,75 litri ta' nafta minerali (żejt minerali),

— 1,5 gramm vjola tal-metil (C.I. Nru 42555).